



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Frar 2023
(OR. en)

6267/23
ADD 1
LIMITE
PV CONS 4
AGRI 50
PECHE 45

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(**Agrikoltura u Sajd**)
30 ta' Jannar 2023

WERREJ

Pàġna

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

AGRIKOLTURA

4. Is-sitwazzjoni tas-suq b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna..... 3
5. Opportunitajiet tal-bijoekonomija fid-dawl tal-isfidi attwali b'enfasi speċjali fuq iż-żoni rurali. 3

Affarijiet oħra

Agrikoltura

6. b) Problemi minħabba żieda fl-importazzjoni agrikola mill-Ukrajna 3
- c) Deroga temporanja mil-limitu massimu allokat
għal miżuri ta' appoġġ akkoppjat għall-introjt għas-sena tat-talba 2023 4

ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill 5

AGRIKOLTURA

4. Is-sitwazzjoni tas-suq b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna 5457/23

*Informazzjoni mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri
Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni fis-swieq agrikoli ewlenin, kif ukoll tal-kummenti u t-talbiet tad-delegazzjonijiet u tat-tweġibiet tal-Kummissjoni.

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta taħt Affarijiet oħra mid-delegazzjoni Pollakka, fisem id-delegazzjoni Bulgara, Ċeka, Rumena, Slovakka u Ungeriża, dwar problemi biż-żieda fl-importazzjonijiet agrikoli mill-Ukrajna, kif tinsab fid-dokument 5722/23.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-informazzjoni pprovduta taħt Affarijiet oħra mid-delegazzjoni Ungeriża, appoġġata mid-delegazzjoni Bulgara, Ċiprijotta, Finlandiża, Griega, Kroata, Pollakka, Slovakka u Slovena, dwar talba għal deroga temporanja mil-limitu massimu għall-appoġġ akkoppjat għall-introjt u fl-2023, kif tinsab fid-dokument 5627/23.

5. Opportunitajiet tal-bijoekonomija fid-dawl tal-isfidi attwali b'enfasi speċjali fuq iż-żoni rurali 5658/23

Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar l-"opportunitajiet tal-bijoekonomija fid-dawl tal-isfidi attwali b'enfasi speċjali fuq iż-żoni rurali" bil-ħsieb li jiġu adottati konklużjonijiet aġġornati tal-Kunsill dwar is-suġġett.

Affarijiet oħra

Agrikoltura

6. b) Problemi minħabba żieda fl-importazzjoni agrikola mill-Ukrajna 5722/23

Informazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka, fisem id-delegazzjoni Bulgara, Ċeka, Pollakka, Rumena, Slovakka u dik Ungeriża

Il-punt 6(b) ġie indirizzat flimkien mal-punt 4.

c) **Deroga temporanja mil-limitu massimu allokat għal miżuri ta' appoġġ akkoppjat għall-introjt għas-sena tat-talba 2023**

5627/23

Informazzjoni mid-delegazzjoni Ungeriża, appoġġata mid-delegazzjoni Bulgara, Ċiprijotta, Finlandiża, Griega, Kroata, Pollakka, Slovakka u dik Slovena

Il-punt 6(c) ġie indirizzat flimkien mal-punt 4.

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġislattivi li jinsabu fid-dokument 5610/23

Dwar il-punt "A"
nru 2:

Regolament tal-Kunsill dwar l-iffissar għall-2023 tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MINN SPANJA (dwar ir-Regolament tal-Mediterran)

"Spanja tixtieq tiddikjara li hemm żewġ dispożizzjonijiet fir-regolament, relatati mal-limitu massimu ta' qbid għall-gambli blu u ħomor u mal-isforz tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd bil-konz, li r-Renju ta' Spanja fetaħ kawża kontrihom quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u li s-sentenza dwarhom għadha pendenti."

DIKJARAZZJONI MINN SPANJA (dwar il-vot negattiv fir-rigward tar-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2023 fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed)

"Spanja jiddispijaciha li, għat-tieni sena konsekuttiva, ser ikollha tivvota kontra l-proposta ta' kompromess finali tal-Presidenza fir-rigward tar-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2023 fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed fil-Kunsill Agrikoltura u Sajd tal-11 u t-12 ta' Diċembru.

Għalkemm napprezzaw li sar titjib fuq il-proposta preċedenti, dan it-titjib ma kienx biżżejjed biex Spanja tkun tista' tivvota favur, minkejja l-isforzi li saru u l-proposti li tressqu minn Spanja li fl-aħħar mill-aħħar ma ġewx aċċettati.

Huwa ċar li l-Kummissjoni Ewropea u r-Renju ta' Spanja għandhom żewġ approċċi differenti għall-implimentazzjoni tal-pjan pluriennali għar-riżorsi tal-ħut tal-qiegħ fil-punent tal-Baħar Mediterran u għall-ilħuq tal-oġettiv ta' dak il-pjan li jinkiseb ir-rendiment massimu sostenibbli għad-diversi stokkijiet tal-ħut.

Filwaqt li l-Kummissjoni Ewropea tqis li għad hemm bżonn li jkompli jitnaqqas l-għadd ta'jiem tas-sajd għall-irkaptu rmunkat fil-Baħar Mediterran, Spanja, abbażi tar-rapporti xjentifiċi disponibbli kemm mill-STEFC kif ukoll minn korpi xjentifiċi oħra, għadha tal-fehma li minn perspettiva soċjoekonomika, żieda fis-selettività tal-irkaptu rmunkat hija l-aktar mod xieraq u bbilanċjat biex isir aktar progress fit-titjib tal-istatus bijoloġiku tad-diversi stokkijiet, li diġà qed jagħtu ħjiel ġenerali pożittiv ta' rkupru u ta' tnaqqis fil-mortalità mis-sajd. Fil-fatt, jeżistu xenarji ta' tbassir tal-STEFC li jindikaw li għall-istokkijiet tal-gambli aħmar fl-ilmijiet Spanjoli, li kieku din il-miżura ta' selettività tiġi applikata għal nofs il-flotta, bl-ebda tnaqqis ulterjuri fil-jiem tas-sajd fl-2023, il-mira għar-rendiment massimu sostenibbli tintlaħaq fl-2025.

Madankollu, fil-fehma ta' Spanja, il-proposta ta' kompromess finali ma toffrix biżżejjed inċentiv lill-operaturi fis-settur tas-sajd biex itejbu s-selettività tal-irkaptu rmunkat, billi dawn jeħtieġu dan l-inċentiv biex, fuq terminu qasir u medju, ikampaw mat-telf ta' introjtu kkawżat mill-implimentazzjoni ta' din il-miżura minħabba t-tnaqqis fil-piż tal-qabda. Skont il-proposta ta' kompromess finali, is-settur tas-sajd kieku għal darb'oħra jara tnaqqis fil-jiem tas-sajd tiegħu fl-2023 – tnaqqis medju ta' kważi tliet xhur netti fl-attività tas-sajd għal kull bastiment minn meta l-pjan ġie implimentat għall-ewwel darba fl-2020, li jfisser li s-sena d-dieħla l-bastimenti tas-sajd Spanjoli jqattgħu aktar jiem irmiġġati fil-portijiet milli jistadu.

Dan qed jipperikola b'mod serju l-vijabbiltà soċjali u ekonomika ta' dawn il-bastimenti u tan-negozji tas-sajd tagħhom, li l-biċċa l-kbira tagħhom huma negozji tal-familja, kif ukoll is-sostenibbiltà tal-portijiet, is-swieq u l-komunitajiet kostali tal-Mediterran Spanjol li jiddependu minn din l-attività.

Minkejja dan, Spanja ser tkompli taħdem mal-Kummissjoni Ewropea u mal-Istati Membri l-oħra kkonċernati mill-pjan pluriennali u mill-ilħuq tal-oġettivi tiegħu."

Dwar il-punt "A"
nru 3:

Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU, ID-DANIMARKA, FRANZA, IL-ĠERMANJA, L-IRLANDA, IN-NETHERLANDS, IL-LITWANJA, L-ESTONJA, SPANJA, IL-PORTUGALL U L-IŻVEZJA

(dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(9) fir-Regolament Bażiku COD/03AS; RNG/03-; BLI/12INT-; BLI/24-; BLI/03A; COD/5BE6A; COD/07A; COD/7XAD34; HER/7G-K; PRA/2AC4-C; SOL/56-14; WHG/07A; JAX/2A-14; JAX/08C u SBR/678- fl-2023)

"Peress li l-bijomassa tal-istokkijiet ta' COD/03AS; RNG/03-; BLI/12INT-; BLI/24-; BLI/03A; COD/5BE6A; COD/07A; COD/7XAD34; HER/7G-K; PRA/2AC4-C; SOL/56-14; WHG/07A; JAX/2A-14; JAX/08C u SBR/678- hija inqas mill-B_{lim} u peress li fl-2023 ser jiġu permessi biss il-qabdiet aċċessorji u s-sajd xjentifiku, sabiex jiġi żgurat l-irkupru tal-istokkijiet f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2018/973 u (UE) 2019/472, il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, in-Netherlands, il-Litwanja, l-Estonja, Spanja, il-Portugall u l-Iżvezja jimpenjaw ruħhom li ma jużawx il-flessibbiltà interannwali skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dawn l-istokkijiet fl-2023. Dan l-impenn huwa reazzjoni għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali għal dawn l-istokkijiet."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI (dwar stokkijiet kondiviżi ġestiti fil-qafas ta' TACs proviżorji)

"It-TACs proviżorji jiġu stabbiliti biex jippermettu li jitkomplew l-attivitajiet tas-sajd ta' flotot tal-UE mingħajr ma jippreġudikaw l-eżitu tal-konsultazzjonijiet internazzjonali li jkunu għaddejjin. Il-Kummissjoni ser issegwi s-sitwazzjoni tal-istokkijiet kondiviżi mar-Renju Unit u n-Norveġja soġġetti għal TACs proviżorji. Abbażi tal-użu tal-kwoti ddikjarati mill-Istati Membri u waqt li tqis ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet, il-Kummissjoni se tanalizza s-sitwazzjoni tal-istokkijiet u se tippreżenta suġġerimenti rilevanti dwar il-passi li jmiss kif ukoll tippromponi xi reviżjonijiet eventwali tal-livelli tat-TAC proviżorji, speċjalment fir-rigward tal-istaġjonalità tal-attivitajiet tas-sajd, sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-Istati Membri, jew sabiex jiġu stabbiliti t-TACs definittivi."

DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU, ID-DANIMARKA, FRANZA, IN-NETHERLANDS U L-ĠERMANJA (dwar il-Preferenzi ta' The Hague)

"Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, in-Netherlands u Franza huma tal-fehma l-iskali għall-allokazzjoni ta' kwoti għall-Istati Membri kien intlaħaq qbil dwarhom fl-1983. Dawn l-iskali jikkostitwixxu l-bażi ta' stabbiltà relattiva, li hija prinċipju stabbilit mir-Regolament Bażiku li jirregola l-Politika Komuni tas-Sajd. Aħna tal-fehma li l-preferenzi ta' The Hague jmorru kontra l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva."

STQARRIJA MILL-KUMMISSJONI (dwar l-iskampu, 8c, FU 25, u 9a, FUs 26 u FU27)

"Fl-2022 il-Kummissjoni bagħtet talba lill-ICES dwar l-adeqwatezza li jitwettaq is-sajd sentinella għall-iskampu fid-diviżjoni 8c tal-ICES, l-unità funzjonali (FU) 25, u d-diviżjoni 9a, FUs 26 u FU27, u taħt liema kundizzjonijiet. L-ICES informa lill-Kummissjoni li s-sajd sentinella ma għadux meħtieġ għall-valutazzjoni tiegħu ta' dawk l-istokkijiet, u nnota li l-bijomassa ta' dawk l-istokkijiet titqies li hija taħt il-Blim. Fl-ewwel kwart tal-2023, il-Kummissjoni ser titlob lill-ICES biex jipprovdi l-livell ta' sajd li jista' jippermetti lill-Istati Membri jkomplu s-serje tagħhom ta' data dwar il-qabdiet dipendenti fuq is-sajd għall-iskampu fid-diviżjoni 8c, l-unità funzjonali (FU) 25, u d-diviżjoni 9a, FUs 26 u FU27, u bil-ħsieb li jingħata kontribut aħjar għall-parir xjentifiku."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-KUMMISSJONI U MILL-PORTUGALL (dwar informazzjoni xjentifika dwar il-paġella ħamra fis-subżona 10)

"Il-Portugall jimpenja ruħu li jipprovdi lill-ICES id-data rilevanti xjentifika l-aktar aġġornata u kompluta għall-paġella ħamra fis-subżona 10 tal-ICES (żoni tal-Azores) miksba permezz tal-istħarriġ tal-konz tal-qiegħ, sabiex jinforma l-indiċi għall-iżvilupp tal-istokkijiet użat mill-ICES. Jekk u meta l-Portugall jipprovdi tali data ġdida lill-ICES, il-Kummissjoni ser titlob lill-ICES biex jikkunsidra li jipproduċi parir aġġornat li jinkorpora dik id-data l-ġdida fl-2023."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-KUMMISSJONI U MILL-PORTUGALL (dwar informazzjoni xjentifika dwar il-lingwata komuni fis-subżoni 8cde, 9 u 10)

"Il-Portugall jimpenja ruħu li jipprovdi data xjentifika kompluta lill-ICES għal *Solea senegalensis* u *Pegusa lascaris* fl-ilmijiet Iberiċi tal-Atlantiku (is-subżona 9 tal-ICES), separatament mid-data li diġà jipprovdi għal *Solea solea*. Data xjentifika suffiċjenti tippermetti wkoll valutazzjonijiet għal *Solea senegalensis* u *Pegusa lascaris*. Bħalissa l-ispeċijiet kollha tal-lingwata huma taħt TAC ikkombinat għall-ispeċijiet tal-lingwata fid-diviżjonijiet 8cde, fis-subżoni 9 u 10 (in-Nofsinhar tal-Golf tal-Biskalja, l-ilmijiet Iberiċi tal-Atlantiku u ż-żoni tal-Azores) u l-ICES jipprovdi parir dwar l-MSY għal *Solea solea* fid-diviżjonijiet 8c u 9a u ma jipprovdi l-ebda parir għaż-żewġ speċijiet l-oħra. Jekk u meta l-Portugall jipprovdi tali data ġdida lill-ICES, il-Kummissjoni ser titlob lill-ICES biex jikkunsidra li jagħti parir għall-istokkijiet rilevanti kollha tal-lingwata fin-Nofsinhar tal-Golf tal-Biskalja, l-ilmijiet Iberiċi u ż-żoni tal-Azores."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI (dwar il-parir xjentifiku għal-lingwata fid-diviżjonijiet 8a u 8b)

"Il-Kummissjoni tinnota li fil-parir tiegħu għall-2023 l-ICES iddikjara tnaqqis fil-mortalità mis-sajd tal-lingwata fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES (il-Golf tal-Biskalja) għas-sena intermedja 2022, u li l-ICES irreveda r-reklutaġġ 'il fuq f'dawn l-aħħar snin. Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li l-ICES wettaq l-aħħar punt ta' riferiment għal dak l-istokk fl-2013.

Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Kummissjoni beħsiebha: (i) tistaqsi lill-ICES jekk id-dinamika tal-istokk għal-lingwata setgħetx inbidlet abbażi tal-aktar valutazzjoni reċenti; u (ii) titlob lill-ICES jikkunsidra, abbażi tal-iskema ta' prijoritizzazzjoni tal-punt ta' riferiment tal-ICES, jekk il-lingwata fil-Golf tal-Biskalja hijiex kandidata għal punt ta' riferiment. F'dak il-kuntest ta' punt ta' riferiment eventwali, il-Kummissjoni ser thegġegħ ukoll lill-ICES biex: (i) jikkunsidra mudelli ġodda disponibbli u jinkludi informazzjoni ġdida dwar it-tul fil-punt tal-maturità; (ii) jesplora fatturi ambjentali li jista' jkollhom impatt fuq ir-reklutaġġ u l-mortalità naturali."

IMPENN MINN FRANZA U SPANJA (għas-sajd tal-ispnott fil-Golf tal-Biskalja)

"Franza u Spanja jilqgħu b'sodisfazzjon l-istat tajjeb tal-istokk tal-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*) fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES (il-Golf tal-Biskalja) u l-miżuri responsabbli implimentati fil-livell nazzjonali.

Meta wiehded iqis li l-valur tal-MSY huwa stabbilit mill-ICES flivell ta' 3398 tunnellata, Franza timpenja ruħha li żżomm l-iskema ta' ġestjoni nazzjonali tagħha fl-2023"

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-KUMMISSJONI U MILL-BELĠJU (dwar il-possibbiltà ta' appoġġ għall-flotta Belġjana tas-sajd għall-pixxiċatt)

"Minħabba t-tnaqqis qawwi fl-opportunitajiet tas-sajd għall-barbun tat-tbajja' fil-Kanal ta' Bristol (7FG) għall-2023, il-Kummissjoni u l-Belġju ser jesploraw, fi ħdan il-qafas legali eżistenti, il-possibbiltajiet li jużaw appoġġ rilevanti u xieraq, inkluż appoġġ finanzjarju, għall-flotta Belġjana kkonċernata tas-sajd għall-pixxiċatt."

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA, SPANJA, FRANZA IL-POLONJA, U L-PORTUGALL (dwar il-bakkaljaw ta' Svalbard)

"Il-Ġermanja, Spanja, Franza, il-Polonja u l-Portugall jiddispijaċihom li n-Norveġja ma tosservax il-qbil politiku bejn l-UE u n-Norveġja ta' April 2022, billi ma tistabbilix kwota għall-UE għall-bakkaljaw fl-ilmijiet ta' Svalbard li tikkorrispondi għad-drittijiet storiċi tal-UE u s-sehem tal-UE għal dan l-istokk. L-Istati Membri msemmiya hawn fuq ifakkru fid-drittijiet storiċi tas-sajd tagħhom li ilhom jeżistu fiż-żona ta' Svalbard, kif koperti mit-Trattat ta' Pariġi tal-1920. Huma jħeġġu lin-Norveġja biex tirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet u l-interessi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fi Svalbard, inkluż id-drittijiet tas-sajd.

L-Istati Membri msemmiya hawn fuq jistiednu lin-Norveġja u lill-Kummissjoni biex jikkonsultaw malajr bl-għan li jistabbilixxu l-kwota sħiħa tal-UE għall-2023 sa mhux aktar tard minn Marzu 2023. Huma jfakkru wkoll li fl-2021, minħabba l-waqfiet tas-sajd maħruġa min-Norveġja, total ta' 5 143 tunnellata tal-kwota tal-UE għall-bakkaljaw ma setgħux jinqabdu fiż-Żona Ekonomika Esklużiva Norveġiża. L-Istati Membri jesprimu d-diżappunt tagħhom li n-Norveġja għadha ma għamlitx dik il-kwantità disponibbli għall-UE fl-iskambji bilaterali għall-2023. Din il-kwistjoni għandha tiġi solvuta malajr kemm jista' jkun.

Il-Ġermanja, Spanja, Franza, il-Polonja u l-Portugall japprezzaw li l-Kummissjoni tinsab lesta għal konsultazzjonijiet rapidi man-Norveġja dwar il-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq."

DIKJARAZZJONI MINN FRANZA (dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità tat-trobbija tat-tonn)

"L-applikazzjoni ta' evalwazzjoni tal-istrateġija ta' ġestjoni (MSE) għat-tonna, deċiża matul it-23 laqgħa straordinarja tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, ippermettiet żieda fl-opportunitajiet tas-sajd tal-Unjoni Ewropea minn 19 311-il tunnellata fl-2022 għal 21 503 tunnellati għas-snin 2023-2025. Sabiex tlaħħaq maż-żieda konsegwenti fil-provvista, u biex tikkontribwixxi għall-pożizzjonament tal-industrija tagħha fis-swieq internazzjonali, Franza tqis li għandha tikseb kapaċità tat-trobbija u tat-tismin tat-tonn fi proporzjon mal-opportunitajiet tas-sajd tagħha. Franza hija lesta li taħdem mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri biex tikseb din il-kapaċità, f'konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd."

DIKJARAZZJONI MILL-IRLANDA (dwar il-ftehim ta' Pjan ta' Ġestjoni pluriennali għat-Tonna (BFT) adottat fil-laqgħa annwali tal-ICCAT tax-xahar li għadda)

"L-Irlanda tilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni ta' Pjan ta' Ġestjoni pluriennali ġdid għat-Tonna fil-laqgħa tal-ICCAT tax-xahar li għadda, filwaqt li tinnota li l-kwota tal-UE għall-perjodu 2023-2025 issa hija ta' 21 503 tunnelli u li r-Renju Unit, li issa huwa rikonoxxut bħala parti kontraenti, irċieva allokazzjoni totali ta' 63 tunnelli.

L-Irlanda tqis li jekk hemm każ għal allokazzjoni għar-Renju Unit, hemm każ daqstant b'saħħtu għall-Irlanda, bħala Stat Membru tal-UE, għal sehem mill-kwota tal-UE biex tippermetti sajd immirat minħabba l-abbundanza tat-tonn fl-ilmijiet madwar l-Irlanda."

DIKJARAZZJONI MILL-KUNSILL U MILL-KUMMISSJONI (dwar it-trasferiment tal-kavalli mill-2022 għall-2023)

"Il-Kummissjoni u l-Kunsill jinnotaw li fl-2022 hemm kwota mhux allokata fl-UE ta' 12 460 t. Mingħajr preġudizzju għad-diskussjonijiet tal-allokazzjoni interna tal-kavalli, il-Kunsill u l-Kummissjoni ser ikomplu jesploraw il-possibiltajiet kollha sabiex l-UE tkun f'pożizzjoni li tagħmel użu mill-kwota kollha tagħha għall-kavalli."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-KUMMISSJONI U MILL-AWSTRIJA, IL-KROAZJA, ĊIPRU, IR-REPUBBLIKA ĊEKA, L-ESTONJA, IL-FINLANDJA, IL-ĠERMANJA, IL-GREĊJA, L-UNGERIJA, L-IRLANDA, IL-LITWANJA, IL-LUSSEMBURGU, MALTA, IL-PORTUGALL, IR-RUMANIJA U S-SLOVAKKJA (dwar it-tisħiħ tal-irkupru tas-sallura Ewropea)

"Filwaqt li jirrikonoxxu li minkejja l-isforzi tal-UE u dawk internazzjonali, l-istokk tas-sallura Ewropea (*Anguilla anguilla*) għadu f'kundizzjoni kritika, kif ikkonfermat mill-aħħar parir tal-ICES tat-3 ta' Novembru 2022;

Filwaqt li jinnotaw li l-istat ta' konservazzjoni tas-sallura Ewropea ġie vvalutat mill-ġdid mill-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura (IUCN) bħala speċi f'periklu kritiku u filwaqt li jfakkru li l-ispeċijiet huma elenkati fil-Lista l-Ħamra Ewropea tal-Ħut tal-Ilma Ħelu, l-Appendiċi II tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES), l-Appendiċi II tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji (CMS), il-Lista ta' Speċi Mhedda tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal (OSPAR), u l-Anness III tal-Protokoll tal-Konvenzjoni ta' Barċellona; Filwaqt li jirrikonoxxu li r-reklutaġġ tas-sallura, waqt li issa huwa stabbli, għadu f'livell storikament baxx u ma juri l-ebda sinjal partikolari ta' titjib; li l-istabbilizzazzjoni tal-istokk x'aktarx li kienet appoġġata mit-tnaqqis tal-isforz tas-sajd f'ħafna Stati Membri; li l-irkupru tal-istokk huwa għan fit-tul li jirrikjedi l-indirizzar tal-ħarba tal-ħut riproduttiv b'mod aktar komprensiv, b'mod partikolari permezz tar-riabilitazzjoni tal-ħabitats u t-titjib tal-konnettività tax-xmajjar, u l-limitazzjoni tal-isfruttament tal-istokk;

Filwaqt li jirrikonoxxu li l-mortalitajiet tas-sallura huma kkawżati minn varjetà ta' pressjonijiet, bħall-enerġija idroelettrika u l-istazzjonijiet tal-ippumpjar u ostakli oħra fix-xmajjar, mit-telf u d-degradazzjoni tal-ħabitats, mis-sajd kummerċjali u rikreattiv fl-ilmijiet tal-baħar, kostali u interni, mit-tniġġis, il-kontaminanti, il-mard, mill-predazzjoni, u minħabba t-tibdil fil-klima;

Filwaqt li jfakkru fl-impenji li diġà ttehdur skont id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar it-tisħiħ tal-irkupru tas-sallura Ewropea (il-Kummissjoni u l-Istati Membri) maqbula fil-Kunsill AGRIFISH ta' Diċembru 2017, ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/1 tal-GFCM dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sallura Ewropea fil-Baħar Mediterran kif emendata bir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/1 tal-GFCM, id-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-Konferenza Il-Baltiku Tagħna u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Baħar Baltiku tal-HELCOM, ir-Rakkomandazzjoni OSPAR 2014/15 dwar it-tkomplija tal-protezzjoni u l-konservazzjoni tas-sallura Ewropea (*Anguilla anguilla*), l-Azzjoni Konċertata tas-CMS dwar is-sallura Ewropea, u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030;

Filwaqt li jinnotaw li l-Istati Membri diġà qed jagħmlu sforzi biex jibnu mill-ġdid/jirrestawraw l-istokk tas-sallura Ewropea, u li t-tnaqqis qawwi tal-istokk twaqqaf iżda li l-istokk jibqa' flivell minimu storiku;

Filwaqt li jinnotaw li l-evalwazzjoni mill-Kummissjoni tar-Regolament dwar is-Sallur, appoġġata mill-istudju ta' evalwazzjoni esterna, ikkonkludiet fl-2020 li l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar is-Sallur jeħtieġ li tittejjeb u hija meħtieġa ambizzjoni ulterjuri b'enfasi akbar fuq l-impatti mhux relatati mas-sajd, u li ġew identifikati fl-Istati Membri prattiki tajbin fil-konservazzjoni u l-ġestjoni tas-sallur fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni;

Filwaqt li jinnotaw li ma hemm l-ebda progress ġenerali fil-kisba tal-oġettiv tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea (l-*hekk imsejjaħ "Regolament dwar is-Sallur"*), kif ikkonfermat mill-ICES fil-parir tiegħu tat-30 ta' Mejju 2022 dwar l-evalwazzjoni teknika tal-progress fl-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura tagħhom;

Filwaqt li jinnotaw li jeżistu ftehimiet transkonfinali bejn l-Istati Membri u/jew ir-reġjuni tagħhom, u/jew bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-ħabitats naturali transkonfinali tas-sallura;

Filwaqt li jtennu li huma meħtieġa azzjoni urġenti u sforzi ulterjuri biex jiġi żgurat l-irkupru tal-istokk fil-firxa naturali tiegħu u li jeħtieġ li jissaħħu l-miżuri biex titnaqqas aktar il-mortalità tas-sallura kkawżata mill-pressjonijiet antropoġeniċi kollha matul l-istadji kollha tal-ħajja tas-sallura u biex tiżdied il-ħarba ta' sallur adult matur lejn l-ibħra miftuħa għar-riproduzzjoni fil-Baħar Sargasso;

Filwaqt li jikkunsidraw li ġie stabbilit għeluq temporanju tas-sajd għas-sallur fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni tal-ICES u fil-Baħar Mediterran permezz tar-Regolamenti annwali tal-UE li jistabbilixxu l-opportunitajiet tas-sajd u li ġie maqbul li dan jew dawn il-perjodi ta' għeluq jiġu estiżi f'konformità max-xejriet migratorji tal-ispeċijiet u li l-interazzjoni potenzjali mal-pjanijiet nazzjonali ta' ġestjoni tas-sallura ser ikollha tiġi mmonitorjata;

Filwaqt li jinnotaw il-ħtieġa li ssir ħidma ma' pajjiżi terzi fil-firxa naturali tas-sallura Ewropea biex jiġi żgurat approċċ komprensiv u kkoordinat għall-irkupru tal-istokk fost il-partijiet ikkonċernati kollha;

Filwaqt li jilqgħu tajjeb id-deċiżjoni tal-GFCM li jiġi żviluppat sal-2023 u li jiġi implimentat pjan ta' ġestjoni għas-sallura Ewropea fil-Mediterran flimkien mal-Istati mhux tal-UE u filwaqt li jissottolinjaw li l-UE impenjat ruħha li tressaq proposta għal dak l-għan fis-Sessjoni Annwali tal-GFCM tal-2023;

Filwaqt li jifhmu li l-irkupru tas-sallura Ewropea li hija speċi migratorja u b'ħajja twila jeħtieġ approċċ aktar komprensiv u miżuri b'firxa wiesgħa fil-habitats kollha tas-sallura u matul l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tas-sallura mill-istadju tal-ferħ ta' sallura għall-istadju tas-sallura safra sa dak tas-sallura tal-fidda;

Filwaqt li jinnotaw li f'Ġunju 2022 il-Kummissjoni adottat proposta għal Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura fl-ambitu tal-Istrateġija għall-Bijodiversità għall-2030 li għandha l-għan li tirrestawra l-ekosistemi degradati sal-2050 u, fost oħrajn, li tirrestawra 25 000 km ta' xmajjar għal xmajjar ġierja, u li tirrestawra ċerti habitats f'artijiet mistagħdra, laguni u estwarji kostali u interni.

Filwaqt li jinnotaw li l-Kummissjoni beħsiebha tiddiskuti kmieni fl-2023 f'kooperazzjoni mal-Istati Membri kif tista' ssaħħa l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali tagħhom ta' ġestjoni tas-sallura, il-miżuri skont ir-Regolament dwar is-Sallur u l-leġiżlazzjoni rilevanti.

Filwaqt li jinnotaw li skont l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu, l-approċċ ta' kooperazzjoni jinkludi appoġġ finanzjarju permezz ta' diversi strumenti ta' finanzjament għal miżuri ta' konservazzjoni b'appoġġ għal protezzjoni usa' tal-bijodiversità li tibbenefika l-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea, inkluż għar-restawr tax-xmajjar u t-tneħħija tal-ostakli (LIFE, Orizzont Ewropa, Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, Fond ta' Koeżjoni, Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u Invest EU).

*Jaqblu li jsaħħu l-protezzjoni tal-istokk tas-Sallura Ewropea (Anguilla anguilla)
Għal dan il-għan:*

1. Il-Kummissjoni u l-Awstrija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Portugall, ir-Rumanija u s-Slovakkja jaqblu dwar din id-Dikjarazzjoni Konġunta bħala kooperazzjoni msaħħa fir-restawr tas-sallura Ewropea. Din il-kooperazzjoni msaħħa tinkludi miżuri għall-ilmijiet interni u tal-baħar biex jgħinu fir-restawr tal-istokk u l-habitats tiegħu, li huma l-bażi għas-sajd u l-akkwakultura tas-sallura sostenibbli u profittabbli fil-futur.
2. Dawn l-Istati Membri ser iżidu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw bis-sħiħ il-Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura u l-miżuri tagħhom skont ir-Regolament dwar is-Sallur, filwaqt li jipprioritizzaw miżuri ta' konservazzjoni effettivi fil-habitats kollha li jindirizzaw il-fatturi antropoġeniċi ta' mortalità kollha, u fejn xieraq, jagħmlu aktar enfasi fuq l-indirizzar tal-pressjonijiet fl-ilmijiet interni u l-mortalitajiet mhux relatati mas-sajd. Meta jagħmlu dan, dawn l-Istati Membri ser itejbu l-kooperazzjoni bejn id-diversi amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali responsabbli għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' miżuri u azzjonijiet biex jiġi żgurat approċċ koordinat u koerenti għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-istokk tas-sallura Ewropea.
3. L-Istati Membri li għadhom ma stabbilewx il-Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura tagħhom ser jagħmlu dan, fejn xieraq u mingħajr aktar dewmien, u ser jippreżentawhom sa nofs l-2023 għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni.
4. Għaż-żoni transkonfinali u tranżnazzjonali b'habitats naturali tas-sallura, u fejn xieraq u possibbli, l-Istati Membri kkonċernati ser jistabbilixxu pjan jew pjanijiet ta' ġestjoni tas-sallura transkonfinali u jippreżentawhom għall-adozzjoni mill-Kummissjoni.
5. Fejn il-pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali tas-sallura ma jkunux qed jilhqqu l-miri tagħhom stess f'termini ta' mortalità mis-sajd u ħarba tal-bijomassa, l-Istati Membri kkonċernati ser japplikaw malajr kemm jista' jkun miżuri interni tagħhom dwar is-sajd tas-sallura b'effett ekwivalenti għal daww miftiehma fir-regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd.
6. Dawn l-Istati Membri ser jirrevedu l-prattiki attwali ta' stokkjar mill-ġdid biex jiżguraw li l-fondi pubbliċi jintużaw biex jappoġġaw il-miżuri ta' konservazzjoni veri li jikkontribwixxu għall-irkupru tas-sallur.

7. Dawn l-Istati Membri ser itejbu l-użu tal-fondi tal-UE inkluż għal skopijiet usa' ta' bijodiversità li jibbenefikaw l-irkupru tas-sallura.
8. Dawn l-Istati Membri ser itejbu l-kontroll tas-sajd għas-sallura kif xieraq u jkomplu jżidu l-isforzi tagħhom fir-rigward tal-ġlieda kontra s-sajd illegali tas-sallura u l-kummerċ illegali tas-sallura b'mod partikolari tal-ferħ tas-sallura u jiżguraw konformità mar-restrizzjonijiet tas-CITES dwar il-kummerċ internazzjonali u mad-deċiżjoni tal-Istati Membri tal-UE dwar kwota żero ta' esportazzjoni u importazzjoni għas-sallura Ewropea. L-Istati Membri ser jikkontrollaw kull ħatt ta' ferħ tas-sallura.
9. Dawn l-Istati Membri ser isaħħu l-kontroll, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-miżuri adottati dwar is-sallura Ewropea sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi madwar l-UE, u sabiex jiġu miġġielda s-sajd illegali, il-kaċċa illegali u l-kummerċ illegali. Il-Kummissjoni ser tappoġġa lil dawn l-Istati Membri f'dan l-isforz billi tipproponi reviżjoni tal-programmi speċifiċi ta' kontroll u spezzjoni (SCIPs) li jsaħħu l-livell ta' kontroll għas-sallur permezz ta' miri ta' riferiment għall-ispezzjoni ta' 100 % għall-qabdiet ta' sallura miġjuba lejn ix-xatt. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ser tipproponi emenda għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1986 "Programm Speċifiku ta' Kontroll u Spezzjoni". Barra minn hekk, dawn l-Istati Membri ser iżidu l-livell tal-kontrolli tal-irkapto illegali fl-ilmijiet tagħhom, kif ukoll il-kontrolli fis-suq u fil-fruntieri esterni tagħhom, u ser jikkollaboraw bejniethom, mal-EFCA u mal-Europol, kif meħtieġ, biex iwaqqfu s-sajd illegali, il-kaċċa illegali u l-kummerċ illegali permezz ta' miżuri xierqa ta' kontroll u infurzar. Barra minn hekk, il-Grupp ta' Esperti tal-UE dwar il-kontroll tas-sajd ippresedut mill-Kummissjoni ser jintuża bħala forum biex tiġi żgurata t-trasparenza fir-rigward tal-għażla tal-perjodi tal-għeluq mill-Istati Membri kollha.
10. Dawn l-Istati Membri ser itejbu l-kwalità u l-kompletezza tad-data u l-informazzjoni meħtieġa biex jappoġġaw: i) il-valutazzjoni xjentifika tal-istokk minn korpi xjentifiċi xierqa, ii) ir-rapporti ta' progress meħtieġa skont l-Artikolu 9 tar-Regolament dwar is-Sallur, iii) is-sorveljanza tal-prezzijiet fis-suq tas-sallur li jkun fih tul ta' inqas minn 12-il cm kif meħtieġ mill-Artikolu 7(5) tar-Regolament dwar is-Sallur skont il-metodoloġija maqbula komuni tal-UE.
11. Dawn l-Istati Membri ser jagħmlu hilitom, fi ħdan il-limiti tal-istruttura istituzzjonali tagħhom, biex jipprovdu rapporti ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ġestjoni tagħhom tas-sallura kull tliet snin, fejn ir-rapport li jmiss għandu jiġi pprovdut sat-30 ta' Ġunju 2024, sakemm ikun hemm evidenza xjentifika b'saħħitha ta' sinjali ta' rkupru għall-popolazzjoni tas-sallura madwar l-Ewropa. Ir-rapporti għandhom jitħejjew skont l-Artikolu 9 tar-Regolament dwar is-Sallur.
12. Il-Kummissjoni timpenja ruħha li tinkludi t-tħassib dwar is-sallura fil-pjan ta' azzjoni li jmiss għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar li jirriżultaw mill-Istrateġija għall-Bijodiversità għall-2030,

13. Fl-2023, il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati ser jappoġġaw l-iżvilupp tal-pjan ta' ġestjoni għal perjodu fit-tul tal-GFCM għas-sallura Ewropea u l-attivitajiet relatati kollha. Filwaqt li jinnotaw il-parir tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv tal-GFCM li s-sorsi kollha ta' mortalità kkawżata b'mod antropoġeniku jeħtieġ li jiġu indirizzati, il-Kummissjoni u l-Istati Membri ser jaħdmu flimkien biex jiżviluppaw azzjonijiet immedjati għat-titjib u l-manutenzjoni taż-żewġ habitats (bi prijetà fuq il-laguni) u r-rotot migratorji. B'mod partikolari, il-Kummissjoni u l-Istati Membri ser jipparteċipaw b'mod attiv fit-tieni fażi tal-Programm ta' Riċerka tal-GFCM, li għandu l-kompitu li 1) iwettaq analiżi soċjoekonomika tal-għeluq propost; 2) jimplimenta monitoraġġ standard indipendenti mis-sajd tal-istadji kollha tal-ħajja tas-sallura flimkien ma' sforzi ta' monitoraġġ għal perjodu fit-tul għal data dipendenti fuq is-sajd, bl-involvement tas-sajjieda; 3) iwettaq attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-partijiet ikkonċernati; 4) jaħdem fuq modalitajiet għal skemi ta' kumpens għas-sajjieda; u 5) iwettaq studji pilota f'siti ewlenin. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri ser jipparteċipaw u jiffaċilitaw ukoll il-ħidma tal-Kumitat ta' Konformità fil-valutazzjoni tal-implimentazzjoni korretta tal-perjodi ta' għeluq mill-Partijiet Kontraenti kollha, u b'hekk jikkontribwixxu għall-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MINN ĊIPRU U L-GREĊJA (dwar l-istokkijiet tal-ICCAT, il-programmi ta' kontroll u s-sajd IUU)

"Ċipru u l-Greċja jesprimu n-nuqqas ta' qbil tagħhom dwar il-ftehim reċenti fl-ICCAT, speċifikament dwar l-alonga tal-Mediterran, li jipprevedi żieda mhux ġustifikata fl-allokazzjoni tal-kwoti lit-Turkija. Meta titqies il-kontinwazzjoni tal-attivitajiet illegali, mhux rappurtati u mhux regolati (IUU) fil-Baħar Eġew u fil-Lvant tal-Mediterran minn bastimenti tas-sajd Torok, huwa meħtieġ approċċ ta' diliġenza dovuta u involvement aktar b'saħħtu tal-Kummissjoni Ewropea u tal-EFCA, f'konformità mal-qafas rilevanti tal-UE, sabiex jiġu miġġielda b'mod effettiv l-attivitajiet tas-sajd IUU fiż-żona.

F'dan ir-rigward, huwa wkoll ta' importanza kbira li l-Kummissjoni tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill 1005/2008, li jistabbilixxi sistema Komunitarja komprensiva u effettiva biex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd IUU.

Barra minn hekk, Ċipru u l-Greċja jitolbu lill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) biex tipprovdi appoġġ operazzjonali ddedikat addizzjonali lil Ċipru u lill-Greċja, inkluż bastimenti tal-għassa, skjerament ta' inġenji tal-ajru, kif ukoll immaġni bis-satellita u t-taħriġ rilevanti għall-użu tat-teknoloġiji ta' sorveljanza. Dan għandu jinkludi ż-żoni marittimi kollha ta' Ċipru, kif ukoll l-ibħra internazzjonali li jmissu magħhom fit-Tramuntana u fil-Grigal tal-gżira.

Ċipru u l-Greċja jitolbu sabiex il-Kummissjoni taqbel li tali miżuri addizzjonali għandhom jiġu segwiti taħt il-koordinazzjoni tal-EFCA għall-programmi ta' eżerċizzju konġunt (JDP) fil-Mediterran, u għandhom jiġu żviluppati b'tali mod li jkopru l-firxa sħiħa taż-żoni marittimi kollha taż-żewġ pajjiżi, kif ukoll l-ibħra internazzjonali li jmissu magħhom, għall-implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni, kif ukoll il-miżuri ta' monitoraġġ, kontroll u konformità adottati mill-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), u l-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM). Dawn il-miżuri għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt internazzjonali u tal-UE u għandhom jimmiraw li jippromwovu kultura ta' konformità kontra l-attivitajiet tas-sajd IUU u kundizzjonijiet ekwi."

DIKJARAZZJONI MINN SPANJA, IL-PORTUGALL U L-GREĊJA

"Spanja, il-Portugall u l-Greċja jiddispijaċihom dwar in-nuqqas ta' allokkazzjoni żejda għal bastimenti artiġjanali minn arċipelagi speċifiċi fil-Greċja (il-Gżejjer Joniċi), Spanja (il-Gżejjer Kanarji) u l-Portugall (l-Azores u Madeira) li jfisser telf tad-drittijiet miksuba fl-2018 fil-qafas tal-ICCAT fejn il-kondizzjoni speċjali tal-flotot imsemmija ġiet rikonoxxuta. Aħna nħeġġu lill-Kummissjoni biex ssib soluzzjoni ta' kompromess bl-għan li tinżamm il-kwota żejda.

Aħna nqisu li dawn il-flotot għandhom ikomplu jiġu appoġġati mill-Unjoni, biex hija tkun konsistenti mal-politiki tagħha f'fora differenti li fihom tiddefendi l-flotot artiġjanali tat-tonn kostali tar-reġjuni ultraperiferiċi."

DIKJARAZZJONI MIN-NETHERLANDS

"In-Netherlands jiehdun nota tal-Proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni għall-2023 kif ukoll li jistabbilixxi tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond għall-2023 u l-2024.

Minkejja l-qbil tagħna mar-Regolament ġenerali, jibqa' t-tħassib tan-Netherlands rigward il-proporzjonalità tal-miżuri inklużi dwar is-sallura. In-Netherlands huma impenjati favur l-irkupru tal-istokk tas-sallura. Għalhekk għandna fis-seħħ il-pjan nazzjonali għall-irkupru tas-sallura. L-għeluq ta' 6 xhur għas-sajd fl-istadji kollha tal-ħajja tas-sallura għandu konsegwenzi soċjoekonomiċi severi. Fl-istess ħin, l-effett fuq l-irkupru tal-istokk tas-sallura ser ikun limitat peress li l-mortalità tas-sallura hija kkawżata l-aktar minn fatturi oħra minbarra s-sajd.

In-Netherlands huma favur approċċ proporzjonali u olistiku permezz tat-tiżiż tar-Regolament dwar is-Sallur. B'dan il-mod jistgħu jitqiesu l-fatturi kollha tal-mortalità kif ukoll l-aspetti ekonomiċi soċjali."

DIKJARAZZJONI MID-DANIMARKA, FRANZA, L-ITALJA, IL-GREĊJA, IN-NETHERLANDS, IL-POLONJA, SPANJA U L-IŻVEZJA (dwar is-sallura)

"Ir-riżultat tal-ftehim politiku dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd għall-2023 dwar is-sallura ser ikollu impatt sever fuq is-sajjieda u s-settur tal-akkwakultura Daniż, Olandiż, Franċiż, Grieg, Taljan, Pollakk, Spanjol u dak Żvediż. Id-Danimarka, Franza, il-Greċja, l-Italja, in-Netherlands, il-Polonja, Spanja u l-Iżvezja għandhom sajd artiġjanali tradizzjonali għas-sallura fuq skala żgħira b'irkaptu b'impatt baxx li jsir fl-ilmijiet tal-baħar, fl-ilmijiet ta' tranżizzjoni u dawk salmastri tal-madwar. Minħabba l-istat kritiku tal-istokk tas-sallura Ewropea, hemm bżonn ta' azzjonijiet xierqa fit-tul għal kull stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tas-sallura u għal kull żona tagħha. L-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea huwa responsabbiltà kondiviża li teħtieġ azzjoni fil-livell reġjonali kif ukoll fiż-żona kollha ta' distribuzzjoni għas-sallura Ewropea biex dawn l-azzjonijiet ikollhom effett pożittiv. Għad-Danimarka, Franza, il-Greċja, l-Italja, in-Netherlands, il-Polonja, Spanja u l-Iżvezja huwa importanti li miżuri effettivi għall-protezzjoni u l-bini mill-ġdid tal-istokk tas-sallura Ewropea jkunu pan-Ewropej u li l-mortalitajiet antropoġeniċi kollha jiġu minimizzati.

F'dan l-isfond, id-Danimarka, Franza, il-Greċja, l-Italja, in-Netherlands, il-Polonja, Spanja u l-Iżvezja ma jqisux li l-miżuri limitati għas-sajd fl-ilmijiet tal-baħar, ta' tranżizzjoni u dawk tal-madwar permezz ta' regolament annwali x'aktarx li jkunu effettivi għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea u għalhekk huma favur approċċ aktar olistiku u fit-tul bħal reviżjoni tar-regolament dwar is-sallura Ewropea.

Fir-rigward tal-impatt ekonomiku sever għas-sajjieda u s-settur tal-akkwakultura Daniż, Netherlandiż, Franċiż, Grieg, Taljan, Pollakk, Spanjol u dak Żvediż, affettwati mill-perjodu ta' għeluq estiż, peress li ħafna minnhom issa qed jirriskjaw li jitilfu l-introjt totali għalihom u għall-familji tagħhom, nitolbu lill-Kummissjoni testendi l-possibbiltajiet għal appoġġ finanzjarju taħt il-FEMSA għal dawn is-sajjieda u l-kumpaniji tal-akkwakultura."

DIKJARAZZJONI MILL-KROAZJA, FRANZA, L-ITALJA, MALTA, IL-PORTUGALL U SPANJA

(dwar l-iskema ta' allokazżjoni interna tal-UE għat-Tonn tal-Atlantiku (BFT))

"Il-Kroazja, Franza, l-Italja, Malta, il-Portugall u Spanja jilqgħu r-riżultat tat-23 laqgħa speċjali tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, li saret mill-14 sal-21 ta' Novembru 2022, u li wasslet għal żieda fil-kwota tal-BFT tal-UE għal perjodu ta' tliet snin, mill-2023 sal-2025.

L-isforzi sinifikanti li saru matul is-snin mis-sajjieda tagħna, permezz tat-tnaqqis tad-daqs tas-sajd tal-BFT, kellhom rwol sinifikanti fl-irkupru tal-ispeċi. Il-Kroazja, Franza, l-Italja, Malta, il-Portugall u Spanja jqisu li huwa imperattiv għal daww is-sajjieda li l-ntlaqtu l-aktar fil-passat minn dawn l-isforzi ta' konservazzjoni li jirċievu ż-żieda fil-kwota tal-BFT. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri msemija hawn fuq jappellaw biex l-iskema ta' allokazżjoni interna tal-UE għall-BFT tibqa' intatta u mhux miftuħa."

DIKJARAZZJONI MINN SPANJA (dwar iż-żieda fil-kapaċità ta' trobbija u kapaċità ta' input tat-tismin tat-tonn)

"L-opportunitajiet tas-sajd tal-Unjoni Ewropea żdiedu minn 19 311-il tunnellata fl-2022 għal 21 503 tunnellati għas-snin 2023-2025 bħala riżultat tal-ftehim adottat fit-23 laqgħa straordinarja tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, abbażi tal-evalwazzjoni tal-istrateġija ta' ġestjoni (MSE) għat-tonn.

Għalhekk, Spanja titlob żieda fil-kapaċità ta' trobbija u fil-kapaċità ta' input tat-tismin tagħha, proporzjonalment mal-opportunitajiet tas-sajd li żdiedu, biex tkun tista' tissodisfa l-ħtiġijiet tas-suk u żżomm il-pożizzjoni tal-industrija tagħha fis-swieq internazzjonali.

Spanja hija lesta li taħdem mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri biex tikseb din il-kapaċità, f'konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd."

DIKJARAZZJONI MINN SPANJA (dwar is-sallura)

"Spanja hija impenjata bl-azzjonijiet lejn l-irkupru tal-popolazzjoni tas-sallura, billi tqis ukoll l-impatti soċjoekonomiċi ta' miżuri bħal dawn fuq il-komunitajiet lokali li jiddependu fuq dan is-sajd fuq skala żgħira. F'dan ir-rigward, jiddispijčina li sajd minuri mhux kummerċjali li jsir f'wieħed mir-reġjuni tagħna biss tal-Atlantiku, b'wirt kulturali importanti fir-rigward ta' din it-tradizzjoni, ma setax jinżamm, irrispettivament mill-impatt żgħir fuq l-istokk li għandu meta mqabbel mal-attivitajiet kummerċjali jew mortalitajiet antropoġeniċi oħra, inkluż fl-ilmijiet interni. Madankollu, aħna nirrikonoxxu li dan ma għandux impatt soċjoekonomiku bħal ma għandu s-sajd kummerċjali. Nittamaw li l-irkupru tal-istokk fit-tul jippermetti l-possibbiltà li terġa' tinfetħ din it-tradizzjoni storika."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-KUMMISSJONI U SPANJA (dwar l-għażla ta' appoġġ għall-waqfien temporanju tal-attivitàjiet tas-sajd mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA))

"Minħabba l-valutazzjoni tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) dwar is-sawrell tal-Punent (*Trachurus trachurus*), b'parir ta' TAC żero, Spanja tqis li l-irkupru ta' dan l-istokk tas-sawrell jeħtieġ il-waqfien temporanju tal-attività, flimkien mal-opportunitajiet tas-sajd għal dan l-istokk stabbiliti fl-Anness I għar-Regolament li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni u Spanja jaqblu li l-waqfien temporanju tal-attività huwa eliġibbli għal finanzjament mill-FEMSA, dment li dan ikun f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 21(2)(c) tar-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004."

Dwar il-punt "A" nru 5:

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Polonja ser tinterpreta t-terminu "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 8 u 157(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u termini oħra li fihom it-terminu "ġeneru" bħala li jirreferu għal "sess", f'konformità mal-Artikolu 10, l-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 157(2) u (4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea."

Dwar il-punt "A" nru 7:

Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... tat-18.11.2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontenut minimu ta' ossidu tal-kalċju f'fertilizzanti inorganiċi solidi sempliċi b'makronutrijenti
Att delegat - Intenzjoni li ma jitqajmx oġġezzjonijiet

DIKJARAZZJONI KOMUNI MIS-SLOVAKKJA U SPANJA

"Is-Slovakkja u Spanja jilqgħu l-opportunità li jinkorporaw il-kelati tal-kalċju fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2019/1009. Fil-fatt, kif jiġri bil-mikronutrijenti, l-użu ta' aġenti kelanti u kumplessanti għall-Kalċju u l-Manjeżju huwa utli ħafna peress li jgħinu għal applikazzjoni aħjar ta' dawn in-nutrijenti. Madankollu, ma naqblux mal-formulazzjoni attwali ta' dan l-att delegat.

Il-kwistjonijiet tekniċi għad-diskrepanza tagħna huma spjegati hawn taħt:

1. Dan jimplika t-tnaqqis tal-kwalità tal-prodotti kollha tal-fertilizzanti tal-kalċju meta, apparentement, din il-bidla fil-konċentrazzjoni għandha l-għan li tippermetti prodotti fertilizzanti bbażati fuq kalċju kelat.
2. L-approċċ meħud huwa differenti minn dak użat fir-Regolament b'kelati ta' mikronutrijenti, fejn hemm rekwiżit għal perċentwal minimu tan-nutrijent kelat.
3. Għalhekk, dan l-att delegat la huwa koerenti mar-rekwiżiti għall-prodotti fertilizzanti bbażati fuq mikronutrijenti kelati, u lanqas mal-funzjoni ta' aġent kelanti nnifsu. Kif irrimarkaw l-esperti tagħna, sa fejn huwa preżenti l-aġent kelanti, ma hemmx bżonn li l-Kalċju jiġi kelat.
4. Il-formulazzjoni lanqas ma tirrifletti d-dispożizzjonijiet meħuda fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/1666 fejn id-9 % applikat għall-"Prodott akkwistat kimikament li jkun fih il-kelat tal-kalċju tal-aċidu imminodisuċċiniku bħala ingredjent essenzjali, mingħajr iż-żieda ta' nutrijenti organiċi ta' oriġini mill-annimali jew veġetali" u ntalab li dan id-9 % CaO Kalċju espress bħala CaO kien kelat bl-aċidu imminodisuċċiniku (IDHA) li jinħall fl-ilma."
5. Filwaqt li l-Kummissjoni tgħid li l-emenda hija mmirata biss għall-kelati tal-Kalċju, il-verità hija li, jekk ikun hemm xi aġent kelanti Mg li jissodisfa r-rekwiżiti ta' CMC 1 u jikkonforma mal-konċentrazzjoni minima stabbilita fuq PFC 1(C)(I)(a)(i), xejn ma jipprevjeni l-użu tiegħu, bl-istess problemi diġà espressi għall-kelati tal-kalċju.
6. Barra minn hekk, ma naraw l-ebda dispożizzjoni dwar it-tikkettar, it-tolleranzi, eċċ. li toħloq inċertezza legali.

Għalhekk, filwaqt li nixtiequ niffaċilitaw il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti fertilizzanti bbażati fuq il-kelati tal-Kalċju u tal-Manjeżju, aħna nemmnu li l-kwistjonijiet tekniċi preċedenti ma ġewx indirizzati fl-Att Delegat attwali, u ma nistgħux napprovawh."

Dwar il-punt "A" **Konklużjonijiet dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-kooperazzjoni mal-**
nru 14: **Kunsill tal-Ewropa fl-2023-2024**
 Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-UNGHERIJA

"Paragrafu 26

Fir-rigward tan-nota f'qiegħ il-paġna li tirreferi għal "Strateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025" marbuta mal-paragrafu 26 tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa fl-2023-2024, aħna nosservaw li l-Istrateġija msemmija fin-nota f'qiegħ il-paġna qatt ma ġiet adottata jew approvata mill-Kunsill.

F'konformità mad-dritt internazzjonali, l-Ungerija tinterpreta "persuni li jagħmlu parti minn minoranzi" skont id-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni li jagħmlu parti minn Minoranzi Nazzjonali, Etniċi, Reliġjużi u Lingwistiċi."